MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 173/2003

**Oreste u Maria konjugi Sammut**

**Vs**

**HSBC Bank Malta Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li gie ppresentat fit-23 ta Jannar, 2003 li permezz tieghu l-atturi talbu li l-bank konvenut jigi kkundannat jhallashom is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) liema somma l-atturi ppremettew li giet imnaqqsa u dedotta lilhom mill-kontijiet bankarji numerati 237143566 u 23715917 li huma kellhom mal-bank konvenut u dan fi transazzjoni bankarja li saret fit-13 ta Jannar, 2001. Talbu wkoll l-ispejjez u l-interessi legali.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn preliminarjament talbu lill-atturi jindikaw taht liema arikolu tal-ligi qed jibbazaw it-talba taghhom.

Fil-mertu eccepew illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li f'kull kaz id-depositi bankarji jirriflettu transazzjonijiet effettwatati mill-atturi.

Ra l-atti tal-kawza u li fis-seduta tal-15 ta` Jannar, 2004 l-istadju tal-provi gie ddikjarat maghluq. Sema' t-trattazjoni ta` Dr Edward Gatt ghall-atturi u Dr Audrienne Agius ghas-socjeta' konvenuta.

**Provi fil-qosor**

**Tezi attrici:**

L-atturi qed isostnu illi fit-12 ta Jannar, 2001 marru fil-fergha tal-Hamrun tal-bank konvenut. Kien ghadu kif ghalaq term deposit account ta' tlett xhur fejn kellhom elfejn lira Maltin (Lm2000) depositati. Jghidu li hadu maghhom tmien mitt lira Maltin (Lm800) fi flus kontanti u riedu illi:-

1. Isir term deposit account ghal-perjodu ta` sena fuq isimhom it-tnejn bis-somma ta` elfejn lira Maltin (LM2000).
2. L-imghax li akkumula sa dakinhar jizdied mat-tmien mitt lira Maltin (LM800) li hadu maghhom u dawn jigu depositati fis-savings account li kien gja eziztenti.
3. Il-karti gew preparati minn skrivana u wara giet skrivana ohra, qattghet il-karti li kienet ghamlet l-ewwel skrivana u saru sett karti ohra u minn hemm marru ghand il-kaxxier.
4. Taw il-flus lill-kaxxier u ghalkemm talbu rcevuti gew informati li l-karti ser jircevuhom bil-posta.
5. Wara granet ircevew il-karti u nnotaw illi kontrarjament ghall-istruzzjonijiet li kienu taw kien hemm zewg diskrepanzi:-

i. It-term deposit account il-gdid ma kienx joint fuq isimhom it-tnejn izda kien fuq isem l-attur wahdu.
ii. Dan il-kont kien juri depositu ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) u mhux ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

6. Huma ghalhekk regghu marru l-Bank biex jilmentaw u l-kont inghalaq u sar iehor gdid fuq isimhom it-tnejn izda l-ammont baqa' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200). Dakinhar itaqghu mal-iskrivana li ghamlet il-karti u staqsiethom kienux ircevew il-karti.
7. Minkejja l-ilment taghhom dwar il-quantum, huma ma nghatawx sodisfazzjon u ppresentaw il-kawza ftit iktar minn sentejn wara.

**Tezi tas-socjeta' konvenuta**:

Is-socjeta' konvenuta taqbel li fit-12 ta Jannar, 2001 l-atturi marru l-Bank u li kellhom term deposit account ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) li kien ghadu kemm ghalaq izda s-socjeta' konvenuta ssostni li l-ammont ta' flus kontanti li gabu maghhom l-atturi kien ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u mhux ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800). Huma jsostnu li l-istruzzjonijiet kienu li t-term deposit il-gdid kellu jkun ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) u mhux ta' elfejn lira Maltin (Lm2000), li t-tmien mitt lira Maltin (Lm800) jizdiedu mal-imghax akkumulat u li dawn flimkien ma' hamsin lira Maltin (Lm 50) fi flus kontanti li l-atturi gabu maghhom jigu depositati fis-savings account.
Huma rrilevaw ukoll li ghaxar t'ijiem wara l-atturi zbankaw tmien mitt lira Maltin (Lm800) mis-savings u utilizzawhom biex fethu term deposit account gdid.

Jaqblu li t-term deposit account infetah fuq isem ir-ragel wahdu u li dan inbidel u sar joint account fil-15 ta Jannar, 2001.

Id-dokumenti esebiti jissostanzjaw it-tezi tas-socjeta' konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi <u>fl-ewwel l-lok</u> l-esponenti jrid jiskarta l-ewwel eccezzjoni. Ghalkemm xi kultant jkun desiderazbbili, dan mhux wiehed mil-kazijiet bhal fil-kaz ta' ritrattazjoni fejn il-ligi tispecifika li ghandu jigi ndikat l-artikolu tal-ligi li fuqu qed tigi bbazata l-istanza.

Illi inoltre l-Bank fehem sew l-vertenza u kemm l-eccezzjoni fil-mertu kif wkoll mil-mod kif tressqu l-provi jidher car li s-socjeta' ma gietx pregudikata bl-ebda mod fid-difiza taghha.

Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok u fil-mertu jigi rilevat li dan it-Tribunal kif presentement presjedut sema' biss ix-xhieda viva voce li nghatat fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2004. Qabel dakinhar it-Tribunal kien diversament presjedut u kien ghalhekk li, stante n-natura tal-kaz, talab li l-attur jerga jixhed viva voce.

Illi meta xehed l-attur huwa ma kellu l-ebda pre-avviz jew zmien biex jipprepara ruhu. T-Tribunal innota sew l-komportament tal-attur waqt li kien fuq l-pedana tax-xhieda u l-fatt li biex jixhed ma rrefera ghall-ebda notament, ma laqlaqx u x-xhieda tieghu kienet *flowing*.

Din ix-xhieda wahedha certament dehret sinciera u konvincenti.

Izda t-Tribunal ma jistghax jiskarta leggerment ir-rizultanzi l-ohra tal-kawza u dan partikolarment billi jirrizulta illi, kif ser jinghad il-quddiem, is-slips relevanti ghal kaz huma ffirmati mill-attur jew l-attrici.

Il-provi prodotti gew ezaminati bir-reqqa u sfortunatament ghall-atturi, aktar ma' dan it-Tribunal beda jezamina l-atti, aktar beda jsib li fil-fatt hija t-tezi tal-Bank konvenut li kienet qed tissahhah.

F'dan r-rigward jigi rilevat illi fl-Avviz  tal-kawza l-atturi jsostnu li l-flus naqsu minn zewg kontijiet partikolari. Mill-provi mressqa dan assolutament ma jirrizultax. Kif jigi rilevat aktar il-quddiem, il-kontijiet minnhom imsemmija infethu bl-ammont ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) u ma sar l-ebda tnaqqis minnhom. L-allegat telf ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) jista jkun biss fl-ammont ta' flus kontanti li taw lill-kaxxier. Ghalkemm din il-kawzali m'hiex ghal kollox korretta, dan mhux ta' ostakolu procedurali

ghal dan it-Tribunal u l-kwistjoni propja xorta ser tigi konsiderata pero' qed tissemma hija wahda mill-hafna fatturi li x-xellef it-tezi attrici.

Jigi inoltre kkunsiderat illi:-

<u>1. Dewmien biex sar l-ilment.</u> L-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) mhux ammont zghir. L-atturi huma pensjonanti u certament ammont simili jhossuh ferm aktar milli kien jhossu xi hadd li jkun fil-*prime earning capacity* tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex, meta l-atturi marru l-bank fil-15 ta Jannar, 2001 biex it-term deposit account jkun joint u mhux fuq l-attur wahdu huma kienu gja suppost jafu li hemm tmien mitt lira Maltin (Lm800) nieqsa. Ma jirrizultax sodisfacentement provat li dakinhar huma lmentaw dwar l-quantum. (Ix-xhieda ta' Miriam Galea ( l-iskrivana li ppreparat il-karti fit-12 ta Jannar, 2001) a fol 33 tal-process ma jistghax jigi njorat:

"Niftakar li ftit jiem wara regghu gew il-Bank l-attur u martu. Dawn ghalqu l-kont illi kien infetah f'isem l-attur u fethuh f'isimhom joint account. Jien dik l-ahhar darba li smajt b'dan il-kaz.

Kien biss zmien wara illi baghtet ghalija l-Manager tal-fergha fejn kont nahdem jien u gharfitni li kien hemm ilment min-naha ta' Sammut".

Il-Manager li baghtet ghalija presumibilment kienet Mary Agius li saret Manager tal-ferha koncernata f'Marzu 2003 – propju ftit gimghat wara li s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'atti ta' din il-kawza. Ma jidhirx li kien hemm ilment dwar il-mertu ta' din l-kawza qabel ma' din giet intavolata.

Lanqas ma gew esebiti xi ittri li setghu kitbu l-atturi jew l-konsulenti legali taghhom. Ma jidhirx li sar rapport lill-Pulizija sabiex jigi investigat il-kaz.

Fl-atti ma nsibu l-ebda spjegazzjoni ghal din l-inattivita' da parti tal-atturi. Dawn l-aspetti ma jistghux jigu njorati u

certament idghajjfu l-piz li dan it-Tribunal ghandu jaghti ghal provi taghhom.

2. L-vouchers. Ezami tal-vouchers a fol 12 et seq tal-process juri illi l-handwriting fuq dawn d-dokumenti saret mill-istess persuna u dan jikkorabora dak li qalet l-iskrivana Miriam Galea.

a. A fol 12 l-eghluq tal-ewwel term deposit juri li account Number 237143566 inghalaq fit-12 ta Jannar, 2001. Dan id-dokument mhux iffirmat mill-atturi u fih biss rubber stamp li ghandha referenza "13-23". 13 hija r-referenza ta' Miriam Galea u 23 hija r-referenza tal-branch. Dan kellu closing balance ta' elfejn u sitta u disghin lira Malitn u tnejn u sebghin centezmu (Lm2096.72c).

b. L-istatement ta' din it-transazzjoni (li kif normalment jsir, tigi printed wara u ma tinghatax lill-klijent dak il-hin izda tigi mibghuta bil-posta) turi li dan l-ammont ma nghatax cash izda li sar "inter account transfer."

c. A fol 13 hemm deposit slip ta' elf u mitejn lira Maltin Lm1200). Dan huwa f'new F/D 1 yr account 237151917 u huwa ffirmat mill-attur. Hemm l-istess timbru bhal withdrawal slip ta' qabel.

**Dan juri li kemm il-withdrawal slip ta' elfejn u sitta u disghin lira Malitn u tnejn u sebghin centezmu (Lm2096.72c) kif ukoll id-deposit slip ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) ma ghaddewx minn taht id il-kaxxier. Kienet a paper transaction u setghet issir, kif fil-fatt saret, mil-iskrivana.**

d. Dan in-new F/D account inghalaq fil-15 ta Jannar, 2001 u l-istess fondi ntuzaw biex jinfetah joint fixed deposit account number 237151984. Dan jidher mid-dok a fol 14 tal-process li wkoll ma ghaddiex ghand il-kaxxier.

e. Imbaghad hemm id-dokument a fol 16 tal process. Dan huwa deposit slip ta' tmien mija u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm896.72c) fis-savings account u jinsab iffirmat mill-attur. Dan id-dokument kien a paper transaction u m'ghaddiex minn taht id l-kaxxier. Ghamlitu l-iskrivana u jirrifletti l-outstanding balance tat-term deposit account ta' elfejn u

sitta u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) (Lm2096.72c) li kien inghalaq.

f. B'referenza ghad-dokument a fol 15 dan huwa deposit slip ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fi flus kontanti. **Minn dawn il-vouchers kollha dan huwa l-unika dokument li ghadda minn taht id l-kaxxier** u fil-fatt wiehed jinnota li ghalkemm fih il-handwriting tal-iskrivana Galea, ma hemmx ir-rubber stamp taghha izda hemm il-printing u referenza tal-kaxxier. L-kaxxier kien Christopher Bugeja xehed u kkonferma li din ghaddiet mill-printer tieghu. R-referenza tieghu "B 623" tidher cara fuq il-printout. L-attur iffirma dan id-dokument. L-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) jidher carissimu. L-atturi ma taw l-ebda spjegazzjoni gustifikata ghaliex ma gibdulux l-attenzjoni *a tempo vergine* li huma tawh tmien mitt lira Maltin (Lm800).

Illi l-esponenti raw ukoll li Miriam Galea affermat li "flus f'idejja jien qatt ma rcevejt minghand l-attur". Dan jidher mid-dokument imsemmija. Hija kienet ippreparat il-karti ghad-deposit u kategorikament cahdet li l-atturi gabu maghhom tmien mitt lira Maltin (Lm800). L-ammont li ssemma kien ta' hamsin lira Maltin (Lm50). Hija ppreparat deposit slim ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u l-flus marru minn id l-atturi ghal id l-kaxxier. Hija ma missietx il-flus.

Lanqas ma jista jigi njorat il-fatt li l-attur ghal bidu donnu kien qed iwahhal f'Miriam Galea izda iktar tard tefa' l-mira tieghu fuq Theresa Camilleri.

Fix-xhieda tieghu tal-15 ta Jannar, 2004 l-attur jsostni li gharafha li kienet l-iskrivana in kwistjoni izda l-istess Theresa Camillieri *inter alia* xehdet:-

1. l-ewwel darba li hadmet fil-fergha in kwistjoni kien f'Ottubru 2001 – cjoe 10 xhur wara l-allegat incident. (korroborata bid-dok a fol 43 tal-process)
2. li f'Ottubru 2001 l-attur kien verament kellimha u talabha kopja ta' xi statements

In vista tal-premess it-Tribunal jikkonkludi li t-talba attrici ma tirrizultax u li konsegwentement l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fil-mertu ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fil-mertu u jichad it-talba tal-atturi.

Stante n-natura tal-kaz u c-cahda tal-ewwel eccezzjoni, l-ispejjez ghandom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------